# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 225/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Dennis Theuma)

vs

**Renald Attard**

iben Raymond, imwieled Pieta' fit-8 ta' Ottubru, 1984, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 499684(M)

u

**Shawn Falzon**

iben Mario, imwieled Pieta' fil-5 ta' Mejju, 1982, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 253882(M)

Illum, 13 ta' Ottubru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Renald Attard, u kontra l-appellant Shawn Falzon quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Lil Renald Attard, wahdu, talli fil-lejl ta' bejn l-1 ta' Mejju u it-2 ta' Mejju, 2010 f' dawn il-Gzejjer, u cioe' gewwa Numero Uno, Ta' Qali:

1) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha ta' Roberta Garzia, ID 470788M, (persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, Numru 290) liema hsara tista' ggib periklu tal-hajja jew debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh hekk kif iccertifika Dr. Stephen Muscat MD Reg 1455 tal- isptar Mater Dei;

2) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Beverly Farrugia, ID 530288M,, (persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, Numru 312) hekk kif iccertifika Dr. David Fenech MD Reg 2555 tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

3) offenda il-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;

4) talli huwa recidiv b'sentenza datata 4 ta' Marzu, 2004 moghtija mill-Magistrat Saviour Demicoli (15-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn);

lil Renald Attard u Shawn Falzon, flimkien, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:

5) talli bi vjolenza jew b' theddid gieghelu ufficjali pubblici WPC 290 Roberta Garzia u WPC 312 Beverly Farrugia li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x' taqsam mal-kariga taghhom;

6) ingurjaw jew heddu jew ghamlu offiza fuq il- persuni ta’ WPC 290 Roberta Garzia u WPC 312 Beverly Farrugia, persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil- hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

7) attakkaw jwe ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku u cioe’ kontra WPC 290 Roberta Garzia u WPC 312 Beverly Farrugia, waqt li kienu qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal- Ligi;

8) naqsu li jobqdu l- ordnijiet legittimi moghtija lilhom minn WPC 290 Roberta Garzia u WPC 312 Beverly Farrugia, persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ April, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 218, 222(1), 209, 49, 50, 18, 91, 95(1), 96(a), 338(ee), 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 17, 30, 31, 532A, 532B, u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni sabithom hatja u ghaldaqstant ikkundannathom.

Kwantu ghal Renald Attard, terminu ta’ prigunerija ta’ tlett snin.

Kwantu ghal Shawn Falzon, terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant Renald Attard minnu pprezentat fid-9 ta’ Mejju, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tirriforma s-sentenza moghtija fis-26 ta' April, 2012 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Gudikatura Kriminali u dan billi tirrevokha fejn l-esponent instab hati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet li kkawza ferita ta' natura gravissima fit-terminu tal-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 u minflok issibu hati ta' reat minuri kkontemplat fl-artikolu 216 tal-Kodici

Kriminali jew xi reat iehor kompriz u involut, tkkonfermha fejn l-esponent instab hati tal-akkuzi l-ohra dedotti u tvarja l-istess sentenza nkwantu ghall-piena nflitta billi tipprovdi ghall-piena iktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Shawn Falzon minnu pprezentat fid-9 ta' Mejju, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tilqa dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li ikkonfermaha fil-parti fejn sabet lil l-appellant hati ta' l-akkuzi kollha addebitati lilu, tvarja l-piena inflitta, u konsegwentement, timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Renald Attard u cioe':-

Illi jidher li ghal dak li jikkoncerna l-ewwel zewg imputazzjonijiet u cioe' dawk li jikkoncernaw feriti gravi kommmessi fuq zewg ufficjali tal-Pulizija nisa, il-Qorti qieset li dawn il-feriti kienu gravissimi fit-termini tal-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi pero mill-qari tal-akkuza insibu s-segwenti:-

Ghal dak li jikkoncerna l-ewwel akkuza "liema hsara **<u>tista'</u>** ggib perikolu jew deboliza permanenti ".

Ghal dak li jikkoncerna t-tieni akkuza "ikkaguna hsara fil-gisem u fis-sahha ta' Beverly Farrugia".

Illi fit-termini tal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali biex tirrizulta din l-akkuza jrid jigi pruvat il-permanenza fid-debolizza tas-sahha, haga li ma saritx. Inoltre, bil-mod li kienet redatta l-akkuza lanqas l-istess ufficjal prosekutur ma kien cert dwar dan, tant li intuzat il-kelma "tista".

Illi mbaghad minn ezami tal-provi min imkien ma jirrizulta li l-hsara subita minn Roberta Garzia kienet tinkwadra ruhha fl-ambitu dispost tal-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi imbghad ghal dak li jikkoncerna t-tieni akkuza minn qari tal-istess, huwa facli li wiehed jirrealizza li din l-imputazzjoni ma tirriflettix ir-reat kontemplat fl-artikolu 218 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minhabba fil-premess konsegwentament, l-ewwel Qorti messha sabet htija fil-konfront tal-imputat fit-termini tal-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan kollu naturalment irrid jigi rifless fil-piena.

Aggravju sussidjarju:-

Illi l-esponent jilmenta illi huwa nghata kopja formali tas-sentenza biss permezz ta' email fit-8 ta' Mejju, 2012 biss tard fil-ghaxija, ta' liema sentenza l-esponent ha biss konjizzjoni fid-9 ta' Mejju, 2012 fil-ghodu u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jelabora kif xtaq fuq l-aggravji tieghu f'dan l-appell.

Dwar il-piena:-

Illi l-esponent jissottometti illi l-piena kienet wahda eccessiva u mhux idonea fic-cirkostanzi.

Illi in effetti f'dan il-process gew nominati kemm probation officer kif ukoll psikologu li kollha irrelataw ezawrijentament fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-esponent.

Illi kif ser jigi ampjament trattat waqt l-udjenza ta' dan l-appell, minn dawn ir-relazzjonijiet jirrizulta li l-esponent ghandu bzonn direzzjoni u ghajnuna u li piena karcerarja ma kienitx il-piena idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant Shawn Falzon u cioe':-

Illi dan l-Appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna il-piena, stante illi l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu. Illi f'dan is-sens l-appellant jilmenta li tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena nflitta fuqu u cioe' sentejn habs effettivi, kienet wahda eccessiva.  Ghalhekk, fid-dawl ta' dak sottopost, l-appellant umilment jissottometti li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta, li mhux wahda karcerarja, u dan ghar-ragunijiet segwenti.

Fl-ewwel lok, ssir referenza ghall-incident li nqala bejn il-Pulizija u l-appellant, u l-akkuzi addebitati lilu f'dan ir-rigward. Jibda biex jinghad, u dan kif jirrizulta ampjament mix-xhieda prodotti u senjatament mid-depozizzjoni ta' WPC 290 Roberta Garzia u WPC 312 Beverly

Farrugia, il-vittmi, illi fl-incident, sa fejn kien involut l-appellant ma wegga hadd u ma gew ikkawzati l-ebda griehi fuq il-persuna taghhom. Ssir ghalhekk referenza ghad-depozizzjoni ta' WPC 312, li a Fol 62 tal-process, tghid hekk:

*'kien hemm Shawn, imbuttani bil-goff, tefghani ma' l-art u gejt fuq WPC 290 ghax kienet warajja ... sibt lil Renald qed itiha daqqa fuq in-naha ta' wiccha li kellha n-nuccali tax-xemx fuq rasha, kissirulha.'*

WPC 290, Garzia, tghid is-segwenti fil-konfront ta' dan l-incident (Fol 69): *'lili dak il-hin Shawn imbuttani ... minn dak il-hin jiena rajt lil Renald gej fuqi, rajtu* ma' *wicci close u kull* ma *naf li beda jtini. Kull ma naf li bdejt naqla xeba.'*

Ghalkemm l-prassi hi, illi meta jkun hemm vjolenza fizika, u griehi fuq Ufficjali Pubblici, l-piena tkun wahda ta' prigunerija effettiva, fil-kaz ta' l-akkuzi addebitati lil l-appellant, il-piena dejjem tkun wahda ferm iktar klementi, li normalment tkun xi *Conditonal Discharge*, u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan l-Appell.

Jidher, u dan b'mod car illi l-Ewwel Qorti skartat il-fatt illi l-appellant kellu akkuzi ferm differenti minn dawk addebiti lil ko-akkuzat l-iehor, u jidher illi poggiethom it-tnejn li huma fl-istess keffa. L-appellant ,ma kellux akkuzi relatati ma' griehi fuq il-pulizija, nonostante cioe', fil-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti qalet:

> ***Bl-ammissjoni tal-imputati, il-Qorti qed issibhom hatja u ghalhekk mhix ser tiddilunga fuq il-provi mismugha. Huwa ben stabbilit li Roberta Garzia u Beverly Farrugia gew aggrediti mill-imputati u sofrew griehi f'din l-aggressjoni. Il-Qorti tirrileva wkoll li x-xoghol ta' dawn iz-zewg membri tal-Pulizija kien qed isir bhala xoghol extra minnhom, peress illi x-xoghol ewlieni taghhom huwa xoghol tal-ufficcju, u mhux xoghol barra mal-pubbliku. Ghalhekk ukoll, din l-aggressjoni tal-imputati fuq dawn iz-zewg membri tal-Pulizija ghandha tigi kkunsidrata f'dan id-dawl ukoll.***

Dan juri bic-car illi l-Qorti trattat maz-zewg ko-akkuzati b'mod identiku, u dan nonostante l-fatt illi l-akkuzi addebitati lil kull wiehed kienu ferm differenti.

Ghalkemm huwa minnu illi hawnhekk qed si tratta ta' incident li gara ma' zewg pulizija nisa, ufficjali pubblici, fil-qadi ta' dmirijiethom, li kif irrilevat l-Ewwel Qorti, kienu xoghol *extra duty*, certament illi wiehed ma jistax jiskarta l-portata ta' dan l-incident, illi sa fejn kien involut l-appellant kien wiehed minimu, li kien jikkonsisti biss fil-fatt illi l-Pulizija gew mbuttatti.

Illi ghalhekk, bir-rispett kollu, l-piena ikkalibrata fil-konfront ta' l-appellant hija aktar u aktar sproporzjonata meta wiehed jikkonsidra illi l-ko-akkuzat Renald Attard, li kien akkuzat b'akkuzi ferm iktar gravi, ghax fil-fatt kien hu li kkawza l-feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-Ufficjali tal-Pulizija, bl-addebitu tar-recidiva, wehel biss tlett snin.

Issir referenza wkoll ghal kondotta ta' l-appellant illi hija wahda kwazi netta wkoll, b'kundanna wahda ta' ksir ta' bon ordni u paci pubblika, liema jidher illi l-Qorti skartat kompletament. Fil-fatt ma ssir l-ebda referenza ghaliha fis-sentenza, u fil-konsierazzjonijiet tal-Qorti ghar-rigward ta' dik li hija piena.

F'dan is-sens, fl-umli fehma ta' l-esponent l-ewwel Qorti fil-waqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; ‘Il-Puliziia vs John Farrugia’, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. L-umli esponenti jirrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija ta' hmistax-il (15) xahar imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-aspett riformattiv ma giex accenat, anzi l-esponenti jhoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f’dan il-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijet, l-appellant ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar

klementi mieghu, allavolja l-fedina penali tieghu bhala fatt hija dik li hi. Dan peress illi llum huwa persuna differenti, illi kellu jinghata cans iehor,

Fil-kawza 'l-Pulizija vs Carmen Butler', deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe' li l-Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' 'Il-Pulizija vs Chariot Aquilina', deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta' Probation.*

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report ezebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija nstabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga, u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin, li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv. Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa nghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ittermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, 'Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia', deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk, Issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux

karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. George Farrugia": Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhala. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-Qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-artikolu5 kif ukoll l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152; il-bqija tal-kundanni, pero', jinvolvu multi u habs. "Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta l- anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu ndikat biss ghal "*first offenders*" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna *a window of opportunity* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.

Dan ifisser illi anke min hu recidiv jinghata cans iehor, ahseb u ara persuna bhal l-appellant illi qatt ma kellu kundanni serji precedentement. Dan qed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt, illi fis-sistema gudizzjarja taghhna, se tigi introdotta *l-parole.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti tosserva li fis-seduta tas-17 ta' Marzu, 2011 kienu nqraw l-artikoli tal-ligi, bir-riserva li jinstemghu akatr provi, mahruga mill-Avukat Generali u l-imputati appellanti kienu taw il-kunsens taghhom biex il-kaz jitmexxa bi procedura sommarja. Fil-fatt il-Prosekuzzjoni kompliet trssaq il-provi taghha u fl-istess seduta, wara li ntema l-ahhar xhud, kienet iddikjarat li ghalqet il-provi taghha.

Illi d-difiza kienet talbet li jsir Social Inquiry Report fil-konfront taz-zewg imputati appellanti fis-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011. Dawn ir-rapporti gew prezentati fis-seduta tad-9 ta' Frar, 2012. Minbarra dan, fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2012 kienet xehdet il-psikologa Dr. Roberta Holland dwar il-kondizzjoni ta' Renald Attard.

Illi mill-atti jirrizulta li fis-seduta tat-12 ta' April, 2012 l-imputati appellanti kienu rregistraw ammissjoni. Saret trattazzjoni u il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-26 ta' April, 2012. F'dik id-data l-ewwel Qorti ppronunzjat is-sentenza li qed tigi appellata llum.

Illi hu car li l-ammissjoni li giet registrata mill-imputati appellanti jirrigwardaw l-artikoli tal-ligi li kien hareg l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu. Min imkien ma jirrizulta li f'xi hin jew f'xi mument dawn l-artikoli gew kontestati da parti ta' l-appellanti.

Illi din il-premess hi essenzjali meta wiehed jara li l-aggravju ewlieni tal-appellant Renald Attard jirrigwarda l-fatt li hu kellu jinstab hati taht l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali u mhux taht l-artikolu 218 ta' l-istess kodici. Ghalih dan ifisser li l-piena li kellha tigi erogata kellha tkun wahda izda miti. Min-naha l-ohra jekk wiehed jara l-piena taht iz-zewg artikoli tal-ligi hawn fuq citati wiehed isib li l-piena erogata hi fil-parametri hemm taht l-artikolu 216 kif ukoll taht l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk, dan l-aggravju tal-appellant Renald Attard ma jistax jigi milqugh.

Illi z-zewg appellanti qed jilmentaw tal-fatt li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hi wahda eccessiva u mhux idoneja fic-cirkostanzi.

Illi fil-konfront tal-appellant Renald Attard din il-Qorti rat ir-rapporti tal-Probation Officer u tal-psikologa Dr. Roberta Holland. Hu car li dak li ghamel l-appellant qatt ma jista' jigi gustifikat. Hu car li ghandu problemi izda l-istess appellant la skuza ruhu mal-vittma tal-aggressjoni wisq anqas wera s-soba tieghu ghall-akkadut. Fil-feham ta' din il-Qorti piena karcerarja effettiva hi ndikata. Madankollu, l-piena erogata ser tkun ridotta biex l-appellant ikun jista' jsegwi, wiehed jittama bi profitt, programmi specalizzati biex il-komportament tieghu ikun jista' jitjieb.

Illi fil-konfront tal-appellant Shawn Falzon jigi rilevat li l-fatt li hu mbotta l-kuntistabbli mara, impedixxa lill-kuntistabbli li tghin l-kollega taghha li kienet qed tigi aggredita mill-appellant l-iehor Renald Attard. Agir ta' din il-kwalita' fil-konfront tal-ufficjal tal-pulizija li kienet identifikat ruhha hu naccettabbli u ta' min jikkundannah. Piena karcerarja effettiva ghandha ggieghel jirrifletti lill-appellant li f'socjeta' bhal taghna dan it-tip ta' agir mhux permess.

Ghaldaqstant, fil-konfront ta' Renald Attard, din il-Qorti qed tichad l-ewwel aggravju u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza ta' tlett snin prigunerija u minflok timponi piena ta' sentejn prigunerija. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u tikkundanna lill-appellant Renald Attard li jhallas is-somma ta' mitejn u ghoxrin euro u hdax il-centesimu (€220.11) spejjez inkorsi f'dawn il-proceduri. Dwar Shaun Falzon tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena din il-Qorti thassar u tirevoka l-piena ta' sentejn prigunerija u minflok timponi piena ta' sena prigunerija.